MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2489/2002

**Malta Tourism Authority**

**Vs**

**Mario Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita talbet il-hlas tas-somma ta' disgha mija u wiehed liri Maltin (Lm901), rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mill-anness document markat A.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa li huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-Awtorita.

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ra wkoll in-nota pprezentata mill-Awtorita, u dan skond l-ordni tat-Tribunal moghtija fis-seduta tat-28 ta' April 2003.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza odjerna titratta talba ghall-hlas tas-somma ta' disgha mija u wiehed liri Maltin (Lm901), arretrati ta' kontribuzzjonijiet li huma dovuti b'riferenza ghall-istabiliment Southern Fried Chicken, ghas-snin 2000 sa 2002.

2. Il-kwistjoni kollha tikkoncerna jekk il-hlas huwiex dovut mill-konvenut jew mill-kumpannija Domino Fast Foods Ltd.

3. Joseph Lanzon, konsulent tal-Malta Tourism Authority, xehed fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2003 u ddikjara li *"l-licenzja fuq l-istabbiliment Southern Fried Chicken tal-Imsida hija registrata fuq isem Mario Camilleri. Dan b'riferenza ghas-sena tal-2002. Dan l-istess fir-rigward tas-snin 2000 u 2001"* [fol. 24]. Ix-xhud ipprezenta wkoll *Licence Renewal Notice* ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Dicembru 2002 fejn jinghad li l-*licensee* huwa Mario Camilleri.

4. Min-naha l-ohra l-konvenut xehed li l-licenzja kienet mahruga fuq isem Domino Fast Foods Ltd. In sostenn ta' dan huwa pprezenta kopja ta' Licence Renewal Notice [ghall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2002 sal-31 ta' Dicembru 2002] mahrug mill-Awtorita fejn jinghad li l-licensee hija l-kumpannija Domino's Ltd.

5. Fil-Malta Travel & Tourism Services Act (Kap. 409) ma nsibu l-ebda provvediment li jipprojbixxi l-hrug ta' licenzja fuq isem kumpannija. Skond l-Artikolu 19 licenzja tista' tinghata lill-persuna ta' karattru tajjeb. Dan l-istess provvediment jikkontempla l-possibilta li l-applikant huwa *"body corporate"*, b'dan li l-attributi li huma mehtiega skond l-Artikolu 19 ghandhom ikunu fil-persuna li tkun ser tmexxi l-post.

6. Mill-Avviz Legali numru 125 ta’ l-2002 [Fees (Tourism) Regulations 2002] jirrizulta li ta’ kull sena ghandha tithallas kontribuzzjoni mil-*licensee*.

7. L-Awtorita, ghalkemm moghtija c-cans, ma ghamlet l-ebda riferenza ghal xi provvediment tal-ligi li jistipula li persuna fizika hija personalment responsabbli ghall-hlas tal-licenzja u/jew kontribuzzjonijiet, anke fejn il-licensee tkun *body corporate*.

8. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova. Wara li t-Tribunal qies ix-xhieda u d-dokumenti li jinsabu fl-atti, jista’ jiddikjara li m’huwiex moralment konvint li l-*licensee* kien Mario Camilleri. Iktar u iktar meta fl-atti processwali hemm zewg *Licence Renewal Notices* ghall-istess perjodu [1/1/2002 sal-31/12/2002], wahda mahruga fuq isem il-konvenut personalment u l-ohra fuq isem kumpannija. Pjuttost jirrizulta l-oppost, fis-sens li l-*licensee* hija Dominos Fast Foods Ltd.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta’ l-Awtorita u jirrizerva d-dritt taghha fil-konfront ta’ terzi.

Spejjez ghak-karigu tal-Malta Tourism Authority.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------